# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 57/2014 BS**

**Emanuel Stellini**

**-vs-**

**Anthony Borg u martu Victoria Borg**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Emanuel Stellini[1] illi ppremetta:**

Illi r-rikorrenti huwa sid u fil-pussess ta' porzjon art msejha 'Ta' Sajlua' sive 'Tal-Warda', tal-kejl ta' cirka mitejn u tlieta metri kwadri (203m.k.), fil-limiti ta' Santa Lucija (Kercem), li ghandha d-dhul taghha minn gol-isqaq maghruf bhala id-Dahla Tal-Warda, li jizbokka fi Triq Qasam San Gorg, u tintlahaq minn moghdija li hemm fil-ghalqa tal-konvenuti, imbaghad minn gol-ghalqa ta' Mariella Camilleri li tmiss mal-ghalqa tieghu;

[1] Rik. gur. a fol 1 sa 3 b'dokumenti annessi a fol 4 sa 6.

Illi ghall-habta ta' nofs Gunju tas-sena korrenti l-konvenuti klandestinament wahhlu xatba fis-selha li hemm fil-hajt li jaqsam l-ghalqa taghhom minn dik proprjeta' ta' Mariella Camilleri, u proprju fil-moghdija li minnha jghaddi r-rikorrent, b'kitba fuqha '*Private Property -- Do Not Enter*' kif muri fir-ritratt esibit u markat A;

Illi fl-1 ta' Lulju 2014, meta l-esponenti mar biex jgħaddi bhas soltu mill-moghdija, huwa gie mwaqqaf fizikament mill-konvenuta li hi u zewgha l-konvenut l-iehor Anthony Borg laqghuh milli jghaddi minn hemm, u meta r-rikorrenti nsista li ghandu d-dritt li jibqa' ghaddej huwa gie aggredit mill-intimati bi strument li jaqta' u bil-ponta. Fil-granet ta' qabel il-konvenuti ghamlu l-istess ma' haddiem li r-rikorrent kien baghat fil-ghalqa tieghu billi riedu jaghmillu xi xoghol meta dan mar biex jghaddi biex jidhol fil-ghalqa mill-moghdija;

Illi bl-agir taghhom meta wahhlu x-xatba u laqghu lir-rikorrenti u fizikament zammewh milli jghaddi mill-moghdija, il-konvenuti kkommettew spoll;

**Talab għalhekk lill din il-Qorti:**

1. tiddikjara li bl-agir taghhom il-konvenuti kkommettew spoll a dannu tar-rikorrent meta wahhlu xatba fit-tarf tal-ghalqa taghhom u għalqu l-moghdija li minnha jghaddi r-rikorrent, u aktar minn hekk talli fl-1 ta' Lulju 2014, u fil-jiem ta' qabel zammewh u attakkawh fizikament milli jghaddi mill-moghdija minn gol-ghalqa taghhom;

2. tikkundanna lill-konvenuti jispurgaw l-ispoll minnhom kommess billi tordnalhom jaqilghu x-xatba li wahhlu fil-moghdija fit-tarf tal-ghalqa taghhom, u tordnalhom ihallu l-moghdija libera, cjoe' kif kienet qabel u jiddesistu milli jzommu jew ifixklu lir-rikorrent li jghaddi minn din il-moghdija minn gol-ghalqa taghhom;

3. Fin-nuqqas li jnehhu x-xatba fi zmien li taghtihom din il-Qorti, tawtorizza lir-rikorrent li jnehhi din ix-xatba u jhalli l-moghdija libera.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra uffiċjali tal-erbgha (4) ta' Lulju 2014 (Ittra numru 353/2014).

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[2] illi eċċepew:**

1. Illi dan ir-rikors għandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti attur stante illi ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex tkun tista' issir kawza ta' spoll;

2. Illi l-esponenti jirrespingu bil-qawwa l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti attur stante illi dawn ma humiex veritieri;

3. Illi għalhekk it-talbiet tal-attur huma nfondati u għandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salv eccezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Mejju, 2016 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tieghu maghluq.[3]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tat-13 ta' Marzu, 2018 li biha ezebew ritratt mill-ajru tal-1957,[4] iehor tal-1978,[5] u iehor tal-1994.[6]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2018 il-partijiet qablu li jsir access.[7]

**Rat** il-verbal tal-access mizmum nhar it-12 ta' Frar, 2019.[8]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tal-15 ta' Frar, 2019 li biha ezebew kopja tal-permess ta' zvilupp numru PA/00413/13 ottjenut mill-attur Emanuel Stellini nhar il-31 ta' Mejju, 2013.[9]

**Rat** in-nota addizzjonali tal-konvenuti tat-8 ta' Marzu, 2019 li biha ezebew kopja ta' kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1993 in atti Nutar Enzo

[2] Risposta guramentata a fol 11 u 12.
[3] Verbal a fol 63.
[4] A fol 128.
[5] A fol 129.
[6] A fol 130.
[7] Verbal a fol 133.
[8] Verbal tal-access a fol 138 sa 148.
[9] Nota a fol 152, kopja tal-permess a fol 153 sa 160.

Dimech li bih l-attur xtara r-raba' issa tieghu li tmiss mill-Lvant ma' proprjeta' ohra ukoll tal-attur.[10]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2023 il-kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll ghal-llum ghas-sentenza.[11]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet**.

## B. Provi:

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Rev. Dun Frangisk Saliba**, xehed[12] li huwa kellu ghalqa Santa Lucija li kien jidhol ghalija minn passagg. Izid li din l-ghalqa partata ma' ohra lejn l-2005 u dan ma' missier Mariella Camilleri.

Jghid li l-passagg li kien jutilizza sabiex jidhol ghal-ghalqa kien jizbokka fit-triq principali ta' Santa Lucija.

Jghid li jahseb li sabiex jidhol fl-ghalqa tieghu huwa kien ikollu jaqbez zewg ghelieqi ohrajn, wahda ta' Nikola, konjumu ma' jiftakrux, u ohra ta' Krispin Gatt.

Jghid li la jaf l-isem tat-triq principali li fiha jizbokka l-passagg u anqas b'liema isem huwa maghruf il-passagg.

Muri pjanta u mitlub jimmarka l-ghelieqi li kien jghaddi minn fuqhom jghid li skont l-istess pjanta, minn tlieta kien jghaddi mhux minn tnejn. Jimmarka t-tlett ghelieqi bl-ittri 'A', 'B', u 'C'.[13] Izid li dik li kienet l-ghalqa taghhom haditha Mariella Camilleri.

[10] Nota a fol 161 u kopja tal-kuntratt a fol 162 sa 167.
[11] Verbal a fol 283.
[12] Traskrizzjoni a fol 18 sa 24.
[13] Marki fuq pjanta ezebita mid-difensur tal-attur a fol 28.

**In kontro-ezami**, xehed[14] li huwa ilu aktar minn 30 sena ma' jghaddi mill-inhawi. Izid li ghalhekk il-manjiera li ddeskriva kif kien jasal ghall-ghalqa tieghu tmur lura 30 sena jew aktar.

Jghid li fis-snin 70 mar l-Amerika u meta gie lura beda jghaddi min-naha ta' fuq peress li l-ghalqa taghhom kienet haditha Mariella Camilleri bi tpartit ma' missierha li tah ghalqa ohra b'dan li ma' kellux ghalfejn jghaddu aktar minn hemm.

Jghid li hemmhekk illum inbena izda l-passagg mhux kollu nbena. Izid li fejn qabel kien hemm qsami bil-gebel bejn l-ghelieqi issa hemm hitan.

Jaqbel li la telaq lejn l-Amerika fis-snin 70 ilu aktar minn 40 sena ma' jghaddi kif iddeskriva qabel.

**Emanuel Stellini**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[15] Jiddikjara li huwa proprjetarju u fil-pussess tal-ghalqa maghrufa "Ta' Sajlua" fil-limiti ta' Kercem. Jghid li din kien xtraha minghand Xavier Grech b'kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1993 in atti Nutar Enzo Dimech. Izid li qabel xtraha kienet diga f'idu bi qbiela.

Jiddikjara li din l-ghalqa tmiss mil-Grigal ma' proprjeta' ta' Mariella Camilleri u mill-Lbic ma' proprjeta' li hija in parte dar tal-istess Mariella Camilleri u in parte ghalqa ta' Mariella Camilleri flimkien ma' ommha u ohtha Doreen Said.

Izid li l-proprjeta' fuq il-Lbic ta' dik tieghu qabel kienet tal-familja Saliba u dwarha xehed ir-Reverendu Frangisk Saliba.

Jezebixxi pjanta li turi l-ghalqa tal-konvenuti mmarkata bin-numru 1, il-proprjeta' ta' Mariella Camilleri immarkata bin-numru 2, l-ghalqa tieghu mmarkata bin-numru 3, u l-ghalqa ta' Mariella Camilleri, ommha u ohtha u li kienet tal-familja Saliba mmarkata bin-numru 4.[16]

[14] Traskrizzjoni a fol 24 sa 26.
[15] Affidavit a fol 34 sa 36 b'dokumenti a fol 37 sa 41.
[16] Pjanta a fol 37.

Jiddikjara li d-dhul tieghu ghal-ghalqa tieghu huwa minn sqaq maghruf bhala "Dahlet il-Madonna tal-Warda" li jizbokka fi Triq it-13 ta' Dicembru, gja Triq Qasam San Gorg, Santa Lucija, Kercem.

Jghid li permezz ta' dan l-isqaq huwa jasal sal-ghalqa tal-konvenuti mbaghad jghaddi minn mghodija fl-ghalqa tal-istess konvenuti, jibqa ghaddej ghal go l-ghalqa ta' Mariella Camilleri, u hekk jasal fl-ghalqa tieghu.

Jimmarka l-mghodija fil-pjanta ezebita minnu.

Jghid li huwa ilu jaccedi ghall-ghalqa tieghu b'dan il-mod ghal' fuq minn 30 sena, mindu din l-ghalqa kienet ghandu bi qbiela. Izid li s-sidien tal-art tieghu qabel akkwistagha hu kienu jaccedu bl-istess mod.

Jiddikjara li lejn l-ahhar ta' Gunju, 2014, iben il-konvenuti, Joseph Borg, sabu fil-mghodija ma wiehed b'gaffa ghax kien ser jaccedi minn hemm ghal-ghalqa tieghu kif soltu jaghmel sabiex jaghmlu xi xoghol. Jghid li dakinhar Joseph Borg qallu biex ma' jergax jghaddi minn hemm. Izid li l-ghada meta rega mar biex jghaddi bhas-soltu laqugh il-konvenuti stess fil-mghodija u aktar tard dakinhar twahlet xatba fis-selha li hemm fil-hajt bejn l-ghalqa tal-konvenuti u dik ta' Mariella Camilleri.

Jimmarka bi vlegga fuq l-istess pjanta ezebita minnu fejn twahlet ix-xatba. Izid li din twahlet mill-konvenuti.[17]

Jghid li dakinhar li sab ix-xatba l-konvenuti u binhom Joseph rawh hemm u hebbew ghalih. Izid li peress li f'idejn il-konvenut kien hemm oggett bil-ponta u li jaqta' kienu anke gew involuti l-pulizija.

Jezebixxi kopja tar-rapport li kien ghamel mal-pulizija.[18]

Izid li l-ghada ta' dan l-attakk mar ghand l-avukat tieghu u saret l-ittra ufficjali numru 353/2014 fejn avza lill-konvenuti jnehhu x-xatba u jhallu l-mghodija tar-rigel libera bhal ma' kien ilha ghal 35 sena ta' qabel.

Jezebixxi kopja tal-ittra ufficjali numru 353/2014.[19]

[17] Jezebixxi wkoll zewg ritratti li juri x-xatba – a fol 38.
[18] Rapport numru NPS 10/Z/2239/2014 datata l-1ta' Lulju, 2014 dwar incident li sehh fl-istess data tal-1 ta' Lulju, 2014.
[19] Kopja vera tal-ittra ufficjali numru 353/2014 tal-4 ta' Lulju, 2014 a fol 41.

Jghid li meta ra li x-xatba baqghet fejn kienet, bil-konvenuti hartu u zerghu ukoll il-mghodija, beda dawn il-proceduri.

**Mariella Camilleri**, xehdet[20] li hi, ohtha, u ommha ghandhom bictejn raba' fl-inhawi in mertu. Izzid li bejn taghhom hemm l-ghalqa tal-attur.

Tghid li dawn l-ghelieqi qieghdin fl-inhawi maghrufa bhala "Ta' Sajlua" f'Santa Lucija, Kercem.

Tghid li ghar-raba' li hija ghandha flimkien ma' ommha u ohtha huma jidhlu minn sqaq li jizbokka fi Triq l-Orkestra tad-Dudi.

Mistoqsija tafx bi Triq it-13 ta' Dicembru tghid li dik qieghda aktar l-isfel.

Murija l-pjanta a fol 37 u mistoqsija jekk l-isqaq li tidhol minnu hi huwiex dak maghruf bhala "Dahlet il-Madonna tal-Warda" tghid li le. Izzid li dak huwa sqaq iehor, differenti minn dak li qed tirreferi ghalih hi. Tghid li hija ma' tghaddix minn "Dahlet il-Madonna tal-Warda".

Fuq l-istess pjanta a fol 37 taghraf il-plot immarkat bin-numru 4 bhala l-ghalqa taghha ma' ommha u ohta liema ghalqa tigi wara d-dar taghha, taghraf il-plot immarkat bin-numru 3 bhala l-ghalqa tal-attur Stellini, taghraf il-plot immarkat bin-numru 2 bhala taghhom ukoll, u zzid li l-isqaq li taccedi minnu hija ma' jidhrix fl-istess pjanta.

Riferuta ghal-passagg immarkat bl-ahmar fuq l-istess il-pjanta u li jghaddi wkoll bejn il-plots 2 u 3 tghid li dak huwa l-passagg li huma jidhlu minnu. Tghid li l-istess jezisti u huma jutilizzawh billi jghaddu minn fuq il-plot numru 3 sabiex jaslu f'dak numru 4.

Tghid li l-plot immarkat bin-numru 1 fuq l-istess pjanta huwa tal-konvenuti Borg.

Mistoqsija kif hi tidhol fil-plot taghha mmarkat bin-numru 2 tghid li tidhol minn sqaq li ma' jidhirx fuq il-pjanta. Tghid li l-istess sqaq iwassalha mill-ewwel fl-ghalqa numru 2 imbaghad hi tghaddi minn fuq

[20] Traskrizzjoni paginata biss bhala fol 41a.

dik numru 3 sabiex tasal f'dik numru 4. Izzid li hija l-ghalqa numru 1 ma' tirfisx fuqha.

**Xehdet ulterjorment**,[21] li l-fetha li hemm fil-hajt u li tidher fir-ritratti a fol 38 taghrafha bhala dik li hemm bejn l-ghalqa tal-konvenuti Borg u l-ghalqa taghha, ta' ommha, u ta' ohtha li tigi bejn tal-istess konvenuti Borg u tal-attur Stellini, mhux dik li tigi wara d-dar taghha.

Tghid li ghalhekk il-*palette* li jidher jaghlaq din il-fetha ghandu l-ghalqa tal-konvenuti Borg warajh u dik taghha, ta' ommha, u ta' ohtha quddiemu.

Tghid li dik il-fetha fil-hajt hija dejjem tafha hemm.

Izzid li l-ghalqa taghha, ta' ommha, u ta' ohtha wirtuha minghand missierha u kien ilha f'idejn missierha u qablu f'idejn in-nannu taghha. Terga tghid li dik il-fetha dejjem hemm tiftakarha.

Mistoqsija ghalfejn qieghda hemm dik il-fetha tghid sabiex huma jaccedu fl-ghalqa taghhom minn fuq l-ghalqa tal-konvenuti Borg. Izzid izda li huma ghandhom ukoll imkien iehor mnejn jaccedu l-ghalqa taghhom. Tghid li ghalhekk huma ghandhom zewg drittijiet ta' passagg.

Mistoqsija kif jaccedu ghall-ghalqa taghhom il-konvenuti Borg tghid li ma' tafx. Tghid izda li l-ghalqa ta' Borg ma' tmissx mat-triq.

Tghid li sabiex tasal f'dik il-fetha tghaddi mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" izda tahseb ukoll li Borg ghandhom dritt jghaddu wkoll mill-isqaq l-iehor li huwa privat.

Tghid li hija ghandha 42 sena u l-fetha dejjem tafha hemm, miftuha minghajr xkiel. Izzid li l-*palette* li jidher fiha m'ilux hafna hemm.

Tghid li faccata tal-hajt fejn hemm il-fetha issa mbarrata bil-*pallette* hemm hajt iehor tal-kantun li wkoll fih fetha li tigi ghall-ghalqa tal-attur Stellini.

[21] Traskrizzjoni a fol 49 sa 55.

Tghid li minn fuq l-ghalqa taghha li tigi bejn dawk tal-attur Stellini u l-konvenuti Borg ghandu dritt jghaddi l-attur Stellini sabiex jidhol go l-ghalqa tieghu.

**In kontro-ezami**, xehdet[22] li hija ilha tghix fid-dar fejn l-ghelieqi in mertu ghal dawn l-ahhar 12-il sena.

Mistoqsija jekk f'dawn it-12 il-sena qattx rat lill-attur Stellini jghaddi minn fuq l-ghelieqi taghhom u tal-konvenuti Borg sabiex jaccedi ghal go tieghu tghid li le. Izzid li ratu fl-ghalqa tieghu izda mhux ghaddej min fuq taghhom.

Taqbel li l-ghalqa ta' Stellini ghandha access dirett minn gewwa d-dar tieghu stess u dan tramite tarag fuq wara tal-istess dar.

**In re-ezami**, xehdet[23] li meta qalet li hi fi 12-il sena qatt ma' rat lill-attur Stellini ghaddej minn fuq ir-raba' taghha u ta' Borg tghid li hi ma' tkunx ghassa. Tghid li hi lill Stellini gieli nzertat ratu fl-ghalqa izda ma' tkunx rat minn fejn ghaddha sabiex dahal fiha.

Dwar it-tarag bejn l-ghalqa u d-dar ta' Stellini tghid li dan hu ta' xi erba' turgien.

Mistoqsija jekk minn dan it-tarag wiehed jistax jaccedi b'mohriet tghid li tahseb li iva.

**Anthony Borg**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[24] Jiddikjara li r-raba' maghruf bhala "Ta' Sajlua" fil-limiti ta' Santa Lucija, Kercem, gie ghandu u ghand martu, il-konvenuta, mil-wirt ta' missier martu, Karlu Mercieca, u zijuha, hu missierha, Nikola Mercieca.

Jghid li hu u martu zzewgu fl-1971 u sa minn dak iz-zmien parti mill-istess raba' kienet diga ghand martu u fil-fatt huwa kien beda jahdem l-istess raba' minn meta zzewgu. Izid li l-kumplament tar-raba' giet ghand martu fl-1995 meta qasmet il-wirt ma' hutha Mario Mercieca u Katarina Gauci.

[22] Traskrizzjoni a fol 55 sa 57.
[23] Traskrizzjoni a fol 57 sa 60.
[24] Affidavit a fol 68 u 69.

Jezebixxi pjanta fejn jimmarka bl-ahmar ir-raba' li qed jirreferi ghalih.[25]

Jiddikjara li l-ghalqa taghhom tmiss mal-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda". Izid li dik ta' Mercieca tmiss mal-isqaq "Tal-Fenka". Jghid li huma ghandhom access ghar-raba' taghhom minn dawn iz-zewg ti squq.

Jghid li missier martu u zijuha kienu taw dritt lill certu Richard Graham Delistone sabiex iwessa l-isqaq "Tal-Fenka" u huwa taghhom id-dritt li jaccedu ghar-raba' taghhom bir-rigel minn fuq dan l-istess sqaq. Jezebixxi kopja ta' dan il-kuntratt.[26]

Jghid li il-passagg jibda minn fuq ir-raba' ta' Mario Mercieca u jghaddi minn fuq raba' tal-werrieta tieghu, jghaddi wkoll minn fuq raba' ta' Emanuel Stellini u jispicca f'bicca raba' ohra ukoll tal-werrieta ta' Mario Mercieca.

Jghid li dan il-passagg huwa dak indikat fil-pjanta tal-Perit Edward Scerri u ezebita max-xhieda tal-attur Emanuel Stellini.[27]

Izid li minn dan il-passagg ghandhom jghaddu biss il-werrieta ta' Mario Mercieca sabiex jaccedu ghar-raba' taghhom.

Jiddikjara li huwa qatt ma' ra' lill-attur Emanuel Stellini jaghmel uzu minn dan il-passagg kemm ilhu hu midhla tal-inhawi mindu zzewweg.

Jghid li l-attur Stellini akkwista r-raba' tieghu b'kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1993 in atti Nutar Enzo Dimech. Izid li qabel dik id-data, l-attur qatt ma' hadem l-istess raba' b'din kienet kollha bajtar tax-xewk li minnu hu u martu kienu jiehdu ghal-bhejjem. Jghid li l-attur kien xtara r-raba' tieghu minghand Krispin Gatt.

Jghid li mill-1993 'il quddiem Stellini dejjem acceda ghar-raba' tieghu minn gewwa darhu stess li qieghda fi Triq l-Orkestra tad-Dudi fejn minn bitha fuq wara ghandu tarag jaghti ghal din l-ghalqa.

---

[25] Pjanta a fol 70.
[26] Kuntratt tat-12 ta' Lulju, 1972 in atti Nutar Philip Saliba, a fol 72 sa 80.
[27] Jezebixxi kopja tal-istess pjanta a fol 81.

Jezebixxi sett ritratti li juru dan.[28] Izid li Stellini qatt ma' acceda ghar-raba' tieghu mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" kif qed jipprova jaghmel issa.

Jghid li Stellini dawwar l-ghalqa tieghu b'hajt fejn halla zewg fethiet kull naha ghal fuq bictejn raba' tal-werrieta ta' Mario Mercieca.

Jghid li huwa ovvju li dawn il-fethiet thallew minn Stellini minhabba d-dritt ta' Mercieca li jaccedi ghar-raba' tieghu minn fuq Stellini.

Jiddikjara li Stellini qatt ma' kellu dritt jghaddi minn fuq taghhom b'dan li huma ma' kellhom ebda ntenzjoni jwaqqfuh jghaddi minn fejn qatt ma' kien ghaddha qabel.

Jghid li l-Hadd, 23 ta' Gunju, 2014 Stellini prova jaccedi mir-raba' taghhom mal-kuntrattur Josef Bugeja. Izid li din kienet l-ewwel darba sa mill-1993 li qatt raw lill Stellini fuq ir-raba' taghhom. Jghid li malli ibnu Joseph Borg rah hemm mar kellmu u qallu ma' jghaddix minn hemm. Jghid li kien Stellini li ghedded lill ibnu b'dan li ibnu mar ghamel rapport l-ghassa fejn gie mitkellem Stellini.

Izid li huma m'ghamlu ebda xatba izda poggew biss *palette* tal-injam li tista facilment titnehha min minn ghandu dritt jghaddi. Jghid li din saret biss sabiex ma' jghaddux klieb ghal fuq il-wicc tar-raba'.

**In kontro-ezami**, xehed[29] li r-ritratti a fol 38 ma' jurux xatba izda *palette* li ghamlu ghax kienu jidhlulhom il-klieb jaghmlu l-hsara fl-ghalqa. Jaqbel li l-*palette* poggewh huma.

Jaqbel li l-*palette* ghamluh bejn l-ghalqa taghhom u dik ta' Mariella Camilleri. Jaqbel li *palette* hemm biss ghamel u mhux in-naha l-ohra wkoll. Jghid li n-naha l-ohra miftuh ghal-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda".

Jghid li minn fuq taghhom ghall-ghalqa issa ta' Stellini la qatt ghaddha is-sid ta' qabel Stellini u anqas qatt ghaddha Stellini.

[28] Ritratti mill-ajru a fol 82 u 83.
[29] Traskrizzjoni a fol 209 sa 233.

Jghid li Stellini ghaddha biss mill-ghalqa tieghu fl-1 ta' Lulju, 2014. Jghid li dakinhar hu u martu kienu qed jaqtghu l-qarabaghli u kellhom l-imwies f'idejhom. Izid li ghaddha Stellini u lill martu qalilha *"arem ghax nitfghek fil-bir"*.

Jghid li qabel dakinhar lill Stellini qatt ma rah ghaddej minn hemm.

Jaqbel li l-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" jibda minn Triq it-13 ta' Dicembru gja Triq Qasam San Gorg. Jaqbel li l-ghalqa tieghu tibda minn tarf dan l-isqaq.

Mistoqsi jaqbilx li l-*palette* li ntwera qabel sar meta nqalgha d-dizgwid fl-1 ta' Lulju, 2014 jghid li kien hemm qabel.

Mistoqsi jekk id-dizgwid bejnhom u l-attur inqalax ghax b'dan il-*palette* zammewh milli jghaddi jghid li Stellini m'ghandux dritt jghaddi minn hemm. Izid li l-access tieghu huwa minn go tieghu stess. Jghid li d-dizgwid inqala' ghax Stellini ghadda minn go taghhom. Jghid li dakinhar li Stellini ghaddha go taghhom ix-xatba hemm kienet.

Jghid li dakinhar l-incident inqala mhux minhabba il-*palette* izda ghax Stellini ghedded lill martu li ser jitfaghha fil-bir.

Jghid li ma' jafx li l-incident inqala' ghax martu, lill Stellini, qaditlu fil-bieb.

Jghid li dakinhar huma kienu jaqtghu l-qarabaghli go ta' Mariella Camilleri ghax hemm jiehdu hsieb huma wkoll.

Jghid li l-*palette* in kwistjoni sar bejn taghhom u ta' Mariella li jiehdu hsieb huma. Izid li bejn il-bicca l-ohra li ghandha Mariella u ta' Stellini affarihom.

Mistoqsi jekk il-*palette* kienx ghamlu ftit jiem biss qabel dan l-incident ghax kien ghaddha darb'ohra minn go tieghu Stellini u huwa ma' ridtx hekk jghid li l-access ta' Stellini huwa minn tieghu f'tieghu stess, mhux min fuq taghhom.

Izid li huwa l-*palette* ghamlu minhabba kulhadd mhux Stellini biss.

Mistoqsi jekk sal-lum is-sitwazzjoni ghadiex l-istess, bil-*palette* kif jidher fir-ritratti fol 38 jghid li iva.

Jghid li huwa m'ghandu ebda hajt bejn tieghu u ta Stellini. Izid li l-hajt qieghed bejn ta' Mariella u Stellini. Jghid li ma' jafx kemm hi wisgha l-fetha fl-istess hajt.

**In re-zami**, xehed[30] li l-*palette* m'hija marbuta jew msakkra bl-ebda mod imma sempliciment mpoggija. Izid li kull minn imur jista jmexxiha u jghaddi.

Jghid li mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" tidhol gor-raba' taghhom, imbaghad f'ta' Mariella, imbaghad f'ta Stellini. Izid li ma' jafx x'hemm minn ta' Stellini 'l hemm ghax qatt ma' dahal izda jaf li 'l gewwa minn ta' Stellini hemm bitha ta' Stellini stess.

Jghid li hu ilu jahdem dan ir-raba' taghhom sa mill-1971, meta zzewwgu hu u martu, u dak ta' Mariella xi 12-il sena.

Jghid li ghalhekk ilu jahdem hemm aktar minn 50 sena u qabel l-incident fejn Stellini qal lill martu li ser jixhitha fil-bir lill Stellini qatt ma' kien rah ghaddej minn hemm. Izid li ghar-raba tieghu Stellini jaccedi mil-bitha tieghu stess.

Jghid li Stellini ghandu grada ma' Triq l-Orkestra tad-Dudi li jghaddi minnha ghal gol-proprjeta' tieghu ghal go bitha fuq wara fejn imbaghad ghandu tarag ghal-ghalqa tieghu.

**Victoria Borg**, konvenuta, xehdet[31] li r-raba' "Ta' Sajlua" f'Santa Lucija, Kercem, wirtitha hi minghand missiera Karlu Mercieca u zijuha Nicola Mercieca.

Tghid li hija diga kellha parti minn din ir-raba' f'idejha qabel wirtet b'dan li r-rimanenti porzjon giet ghandha wara li qasmu l-wirt hi u hutha.

Tghid li zewgha ilu jahdem din ir-raba' mindu zzewgu fl-1971.

---

[30] Traskrizzjoni a fol 233 sa 238.
[31] Traskrizzjoni a fol 84 sa 95.

Tghid li Mario Mercieca huwa huha li miet.

Murija l-pjanta redatta mill-Perit Edward Scerri, a fol 37 tal-process, tghid li l-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" tafu. Tghid li fuq l-istess pjanta r-raba' taghha u ta' zewgha jidher immarkat bin-numru 1.

Tghid li r-raba' immarkat bin-numru 2 fuq l-istess pjanta kien ta' huha Mario Mercieca u huwa issa tal-eredi tieghu.

Tghid li qabel qasmu hi u hutha lejn l-1990 hi kellha f'idejha parti mir-raba' numru 2 li mbaghad ghadda ghand huha Mario Mercieca biss.

Tghid li r-raba' immarkat bin-numru 3 huwa ta' Stellini mentri dik numru 4 hija wkoll tal-werrieta ta' huha Mario Mercieca.

Tghid li hi u zewgha jaccedu ghar-raba' numru 1 mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda". Tghid li dan l-access ilu hekk sa' minn dejjem. Izzid li huma ghandhom ukoll access iehor mill-isqaq "Tal-Fenka". Tghid li hemm kienu lahhqu ftehim ma' certu Delistone fl-1972 skond kuntratt ezebit minn zewgha. Tghid li b'dan il-ftehim missierha ceda porzjon mir-raba' taghhom sabiex Delistone wessgha l-isqaq "Tal-Fenka" u in kontrakambju Delistone taghhom dritt ta' access bir-rigel mill-istess sqaq "Tal-Fenka". Izzid li l-istess dritt inghata lill huha, il-mejjet Mario Mercieca.

Tghid li l-attur Stellini ghandu biss jaccedi ghar-raba' tieghu min gewwa daru stess. Tghid li fil-fatt l-art fejn bena daru Stellini akkwistaghha minghand Dun Guzepp Gatt mentri l-ghalqa xtraha minghand iben oht Dun Guzepp Gatt b'dan li dawn kienu plots tal-ahwa li dejjem accedew minn fuq xulxin.

Tghid li fiz-zmien kollu li ilha midhla tal-inhawi, lill Stellini qatt ma' ratu jaccedi r-raba' tieghu minn fuq taghhom. Izzid li Stellini dejjem mid-dar tieghu acceda r-raba' tieghu. Tghid li sabiex jaghmel dan Stellini ghandu fetha u tarag minn daru ghal gor-raba' tieghu. Timmarka l-istess bl-ittra 'X' fuq il-pjanta a fol 37.

Tghid li l-unika darba li rat lill Stellini fir-raba' taghhom kien meta gheddieda li ser jitfaghha fil-bir.

Tghid li qabel xtara r-raba' tieghu Stellini fis-snin 90, din l-istess kienet mimlija bajtar tax-xewk. Tghid li huma kienu jiehdu minn dan ghal bhejjem izda waqfu jaghmlu hekk meta xtara Stellini.

Tghid li wara li xtara l-ghalqa Stellini dawwara b'hajt. Tghid li biex bena l-hitan minn go taghhom ma' dahalx zgur u anqas dahal mill-isqaq "Tal-Fenka". Tghid li skontha dahal minn daru stess.

Tghid li meta dawwar l-ghalqa tieghu bil-hitan Stellini halla zewg fethiet, it-tnejn jaghtu ghal fuq ir-raba' tal-eredi ta' huha Mario Mercieca. Tghid li dawk hallihom ghax l-eredi ta' huha Mario Mercieca ghandhom dritt jghaddu minn hemm sabiex jaccedu mir-raba' taghhom numru 2 ghar-raba' taghhom numru 4 kif jidhru fuq il-pjanta a fol 37. Tghid li l-istess eredi ta' huha Mario Mercieca jistghu mbaghad jibqghu dehlin go taghha ghall-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda".

Tghid li l-ghalqa numru 4 huha Mario kien akkwistaghha bi tpartit b'dan li kellu d-dritt jghaddi kif issa jghaddi minn fuq Stellini sabiex jasal ghalija.

**In kontro-ezami**, xehdet[32] li ma' tafx jekk dakinhar li nqala' l-incident ix-xatba kienitx diga hemm jew saritx wara. Tghid li dakinhar tal-incident kienu jaqtghu l-qarabaghli u Stellini ghaddha minn fejnha u qalilha warrab ghax nixhtek fil-bir.

Tghid li Stellini m'ghandu ebda dritt jghaddi minn taghhom.

Tghid li huma l-fetha m'ghalquhiex izda sempliciment poggew *palette* fiha.

Tghid li dakinhar tal-incident hi ma' qaditlu imkien partikolari lill Stellini u ma' ghalqitlu ebda access izda kienet go taghha magenb ta' Mariella. Tispjega li Mariella hija bint huha u billi hi ma' tahdimx raba' jiehdu hsiebu huma.

Mistoqsija x-xatba kemm kien ilha hemm tghid li dan issa ilu mill-2014 u ma' tiftakarx.

[32] Traskrizzjoni a fol 239 sa 248.

Tinsisti li Stellini m'ghandux dritt jghaddi minn hemm.

**In re-ezami**, xehdet[33] li r-raba' taghhom u ta' Mariella lkoll gejja mill-wirt ta' missierha u zijuha, hu missierha. Izzid li qabel kienet ghand in-nanniet taghha.

Tghid li hija dejjem hadmet bicca hemm imbaghad meta zzewget dahal jahdem maghha zewgha.

Tghid li mindu xtara hemm Stellini hija qatt ma' ratu ghaddej minn taghhom. Izzid li qabel xtara Stellini hemm kien ta' wiehed li kien l-Amerika bi Stellini xtara minghand Krispinu li kien jehodlu hsiebha.

Tghid li lill Krispinu qatt ma' ratu diehel fir-raba' li xtara Stellini ghax hemm kien mimli bajtar tax-xewk.

**Joseph Borg**, iben il-konvenuti, xehed permezz ta' affidavit.[34] Jiddikjara li huwa jkun ta' spiss fir-raba' "Ta' Sajlua" kemm wahdu kif ukoll mal-konvenuti ommu u missieru.

Jghid li fis-snin kollha li huwa ilu midhla ta' dan ir-raba' lill-attur Stellini qatt ma' rah ghaddej minn gor-raba' taghhom jew minn dik tal-eredi ta' zijuh Mario Mercieca sabiex jaccedi ghar-raba' tieghu li tmiss ma' daru accessibbli minn Triq l-Orkestra tad-Dudi.

Jiddikjara li lill Stellini rah izda kemm il-darba jaccedi ghar-raba' tieghu minn go daru stess. Jghid li Stellini ghandu bitha b'tarag li minnu jigi fir-raba' tieghu.

Jghid li l-unika darba fil' fuq minn 30 sena li ra lill Stellini diehel fir-raba' tal-werrieta ta' Mario Mercieca bix jaccedi ghar-raba' tieghu kien il-Hadd 22 ta' Gunju, 2014. Jghid li dakinhar ra lill Stellini flimkien ma' Josef Bugeja hergin mil-fetha li hemm fil-hajt bejn l-ghalqa ta' Stellini u dik tal-werrieta ta' Mario Mercieca fejn kien qieghed huwa stante li din l-ghalqa ta' Mario tinhadem minnu u l-genituri tieghu. Izid li minn hemm Stellini prova jghaddi ghal-ghalqa taghhom izda hu waqqafhom.

---

[33] Traskrizzjoni a fol 248 sa 250.
[34] Affidavit a fol 99 sa 101.

Jghid li hawn Stellini beda jgholli lehnu u jghid li kellu dritt jghaddi minn hemm. Jghid hu talbu jurih minn fejn ottjena tali dritt u Stellini beda jgheddu filwaqt li kompla jidderigi lill Josef Bugeja dwar mnejn ghandu jghaddi bil-gaffa.

Jghid li dakinhar stess hu ghamel rapport l-ghassa fejn tkellem ma PS 715 li qallu li jekk jaghmel rapport jispiccaw il-Qorti. Jghid li ghalhekk talab biss lill-pulizija sabiex iwissu lill Stellini.

Jghid li dak il-hin stess, quddiemu, PS 715 cempel lill Stellini u wissiegh.

Jiddikjara li fil-granet ta' wara beda' jsib il-hsara fir-raba' taghhom. Jghid li ghalhekk hu u huh Raymond ghamlu *palette* fil-fteha bejn ir-raba' taghhom u dik tal-werrieta ta' Mario Mercieca. Izid li dan ghamluh biex ma' jghaddux klieb u setgha jitnehha facilment tant li kemm il-darba ma' sabuhx postu.

Jiddikjara li l-fetha bejn l-ghalqa ta' Stellini u dik tal-eredi ta' Mario Mercieca ghadha hemm ghax Mariella Mercieca ghandha dritt tghaddi minn hemm ghal-ghalqa ohra taghha li tigi aktar 'il gewwa billi tirfes fuq ir-raba' ta' Stellini.

Jghid li fl-1 ta' Lulju, 2014 hu u l-genituri tieghu kienu fl-ghalqa jaqtghu l-qarabaghli meta tfacca Stellini li kien nizel mid-dar tieghu ghal gor-raba' tieghu.

Izid li Stellini baqa' diehel fir-raba' tal-eredi ta' Mario Mercieca u ghaddha minn wara ommu u missieru li kienu qed jahdmu hemm. Jghid li Stellini kompla sejjer lejh waqt li hu kien fejn il-fetha bejn ir-raba' tal-eredi ta' Mario u dik taghhom u baqa' diehel fl-ghalqa taghhom u kompla sa fejn kellu l-*Jeep* tieghu li kienet parkeggjata fejn jibda l-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda". Jghid li huwa cempel lill-pulizija ghax kien car li Stellini kien qed jipprovokhom.

Jghid li ommu marret ghadet fejn il-fetha bejn l-ghalqa taghhom u dik tal-eredi ta' Mario Mercieca b'dan li wara li Stellini xeba jdur fir-raba' taghhom mar lejha li kienet ghadha bis-sikkina li kienet qed tuza sabiex taqta' il-qarabaghli biha u qalilha *"ara, ara, ghax nixhtek fil-bir"*.

Izid li ommu kienet pronta ghajtet lill missieru u gibditlu l-attenzjoni b'dak li qalilha Stellini. Jghid li missieru qam bilwieqfa u kif Stellini rah ukoll b'mus f'idu harab jigri u ntefa ghal tulu fuq wicc l-ghalqa jghajjat *"weggajtuni"*.

Jghid li wara dan Stellini qam, mar fl-ghalqa tieghu u cempel lill-pulizija. Izid li dan wara li hu kien diga sejjah lill-pulizija fuq il-post u qalilhom jidhlu mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda".

Jiddikjara li ftit wara tfaccaw il-pulizija li waslu fi Triq l-Orkestra tad-Dudi u sabiex accedew fir-raba' ghaddew minn god-dar ta' Stellini.

Jghid li minn dakinhar ta' dan l-incident qatt ma' reggha ra' lill Stellini l'hemm. Izid li kull meta Stellini kellu l-haddiema minn dakinhar il-quddiem dejjem minn go daru ghaddew.

**Anthony Cauchi**, xehed[35] li huwa minn dejjem ghix Santa Lucija, Ghawdex.

Jghid li huwa jaf l-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda". Jispjega li dan jizbokka fi Triq it-13 ta' Dicembru gja Triq Qasam San Gorg.

Jghid li "Ta' Sajlua" jahseb li huwa xi raba' li tidhol ghalih minn dan l-isqaq.

B'referenza ghal-pjanta a fol 81 jaqbel mal-marki li hemm fuqha bil-lapes dwar sidien ta' proprjetajiet u raba' varji.

Jghid li l-attur Stellini xtara art minghand l-eredi ta' Dun Guzepp Gatt fejn imbaghad bena daru.

Izid li bejn din l-art li kienet ta' Dun Guzepp Gatt fejn bena l-attur u art ohra li hija issa l-ghalqa ta' Stellini kien hemm xatba li nehhiha l-attur stess meta bena daru. Izid li din ix-xatba kienet fejn issa hemm id-*drive in* ta' Stellini.

Jghid li fejn ghandu Stellini fl-antik kien kollu raba' wiehed.

[35] Traskrizzjoni a fol 102 sa 113.

Jghid li r-raba' wara fejn bena Stellini kienet ta' oht Dun Guzepp Gatt stess u l-access ghalih kien mix-xatba li semma, li kienet fejn issa hemm id-*drive in* ta' Stellini. Izid li oht Dun Guzepp Gatt kienet halliet din l-art b'wirt lill binha.

Jghid li dan kollu jafu ghax spiss kienu jmorru ghand Dun Guzepp Gatt li kien jifthilhom din ix-xatba sabiex jaccedu fuq wara fejn kienu jigbru flixkien tal-halib vojta sabiex jaghmlu l-fjakkoli ghal festa.

Jghid li r-raba' immarkat numru 2 fuq il-pjanta a fol 81 jahseb li huwa ta' Mariella jew ta' missierha Mario Mercieca mentri dak immarkat numru 3 huwa ta' Stellini. Izid li ta' Stellini jiftakarha kollha bajtar u kienet accessibbli mix-xatba li semma, mhux mill-isqaq "Tal-Fenka".

Jghid dan x'jiftakar minn 40 sena ilu 'il quddiem.

Jghid li r-raba' immarkat bin-numru 3 jmiss mad-dar ta' Stellini minn wara. Jghid li meta bena Stellini ma' kienx halla access ghar-raba' immarkat numru 3 ghax ix-xatba li kien hemm kien tghajjara. Izid li dak iz-zmien dak ir-raba' kien ghand wiehed li kien imsiefer u kien jehodlu hsieb certu Krispin Gatt. Izid li fil-fatt Stellini mbaghad xtrah minghand Krispin Gatt li deher f'isem is-sid.

Jerga jghid li l-entratura ghal din l-ghalqa dejjem kienet minn Triq l-Orkestra tad-Dudi minn fejn illum hemm id-*drive in* ta' Stellini.

Jghid li din l-ghalqa llum hija accessibbli mil-bitha ta' wara tad-dar ta' Stellini.

Jerga jghid li Stellini stess kien nehha l-access ghal l-ghalqa li hija issa tieghu meta bena daru b'dan li mbaghad reggha fetah access ghalija meta xtraha u dan, mil-bitha ta' wara tad-dar tieghu ghal go fiha.

Jghid li l-access ghar-raba' ta' Stellini dejjem minn fuq fejn bena hu stess kien u min imkien aktar.

**In kontro-ezami**, xehed[36] li Stellini huwa kuginuh mentri lill-partijiet l-ohra jafhom mir-rahal biss.

Jaqbel li bejnu u bejn kuginuh Stellini kien hemm u ghad hemm xi kawzi l-Qorti. Jaqbel ukoll li hu u kuginuh Stellini ma' jitkellmux.

Mistoqsi kellux biss 7 snin meta miet Dun Guzepp Gatt jghid li le.

Mistoqsi jekk huwa twelidx fl-1966 u jekk Dun Guzepp mietx fl-1974 jghid li ma' jafx meta miet Dun Guzepp Gatt.

Mistoqsi kif jiftakar dawn id-dettalji kollha li qed jaghti lill Qorti meta permezz ta' certifikat tat-twelid[37] tieghu u dak tal-mewt ta' Dun Guzepp Gatt[38] gie ppruvat li huwa kellu biss 7 snin dak iz-zmien jghid li jiftakar.

**Xehed ulterjorment** waqt l-access tat-12 ta' Frar, 2019.[39]

Jghid li l-entratura ghal-ghalqa ta' Stellini kienet mit-triq principali – Triq l-Orkestra tad-Dudi.

Jghid li din l-ghalqa llum ta' Stellini kienet taghmel parti mil-gnien ta' Dun Guzepp Gatt. Jghid li Dun Guzepp Gatt kien joqod fid-dar li tmiss ma' Triq it-13 ta' Dicembru bil-gnien tieghu kien jestendi minn warajha lura.

Jghid li l-gnien ta' Dun Guzepp Gatt kien jilhaq sa fejn hemm id-dar ta' Stellini.

Jghid li meta kienet tasal il-festa, Dun Guzepp Gatt kien jifthilhom xatba minn Triq l-Orkestra tad-Dudi, fejn Stellini bena daru, sabiex jaccedu f'dan il-gnin u minn kamra zghira fil-gnien kienu jigbru l-bottijiet tal-halib ghal-fjakkoli.

Jghid li l-ghalqa li issa hija ta' Stellini kienet messet lill oht Dun Guzepp Gatt li hallietha lill binha li kien l-Amerika.

[36] Traskrizzjoni a fol 113 sa 122.
[37] Ezebit in original a fol 125.
[38] Ezebit in original a fol 124.
[39] Verbal tal-access a fol 138 *et seq.*

Jghid li fejn hemm id-dar ta' Stellini sa' Triq it-13 ta' Dicembru kien art wahda ta' Dun Guzepp Gatt. Izid li l-familja ta' Dun Guzepp Gatt dejjem accediet ghall-istess mix-xatba li kien hemm fi Triq it-13 ta' Dicembru.

Jghid li meta bena daru, Stellini nehha x-xatba u ma' halliex passagg ghal dik li hija issa l-ghalqa tieghu u li darba kienet ta' oht Dun Guzepp Gatt.

Jghid li sid dak ir-raba' dak iz-zmien kien imsiefer l-Amerika bl-istess raba' kienet kollha pal tal-bajtar tax-xewk.

Izid li x'hin imbaghad xtara din l-istess raba' Stellini stess, reggha ghamel access ghalija minn go daru.

Jerga jghid li l-entratura tal-ghalqa issa ta' Stellini dejjem kienet min Triq l-Orkestra tad-Dudi sakemm bena daru Stellini u nehha l-istess.

Jghid li Stellini ghalaq l-access li fetah hu stess minn daru ghal-ghalqa tieghu biss f'Ottubru 2018, waqt l-andament ta' din l-istanza.[40]

Jindika tarag – li l-Qorti tosserva[41] – tiela ghal bitha tad-dar ta' Stellini.

**In kontro-ezami ulterjuri**, xehed[42] li huwa kien jidhol fl-inhawi fejn jinsabu l-ghelieqi tal-partijiet meta kien zghir. Jerga jispjega kif huwa u shabu tfal kienu jmorru fejn Dun Guzepp Gatt li kellu d-dar tieghu fi Triq it-13 ta' Dicembru gja Triq Qasam San Gorg. Izid li d-dar tal-attur hija llum mibnija fuq art li kienet parti mil-gnien ta' Dun Guzepp.

Mistoqsi kif kellu dan l-interess kollu fuq drittijiet ta' passaggi meta kellu 7 snin, jghid li hu mhux ghax kellu tali nteress imma ghax kien ikun hemm ma shabu sabiex jigbru l-bottijiet tal-halib minghand Dun Guzepp allura jaf minn fejn kienu jghaddu.

Jghid li hu kien jidhol hemm darba f'sena, zmien il-festa, biex jigbru l-bottijiet sabiex jaghmlu l-fjakkoli tal-festa.

Jghid li Santa Lucija rahal zghir u huwa kiber hemm b'dan li dawk l-inhawi jafhom b'ghajnejh maghluqin.

[40] L-attur Stellini, waqt l-access, jaqbel li l-hajt indikat inbena f'Ottubru, 2018.
[41] Ref. pagna disgha a fol 146 tal-verbal tal-access.
[42] Traskrizzjoni a fol 273 sa 281.

Jinsisti li huwa ma' kellux interess dwar drittijiet ta' hadd izda ladarba tellghuh jixhed qed jghid dak li jaf.

Jghid li dik li llum hija l-ghalqa ta' Stellini wkoll kienet taghmel parti minn dak li kien il-gnien ta' Dun Guzepp. Mistoqsi kif jaf dan u jekk ghamilx xi ricerka jghid li huwa hemm jafu sew, jaf ta' minn hu llum u jaf ta minn kien qabel. Izid li dan jafu ghax hemm kien ikun.

Jghid li anke l-isqaq "Tal-Fenka" jaf sew u jaf li l-access ta' Stellini la huwa min "Tal-Fenka" u anqas huwa minn "Dahlet il-Madonna tal-Warda".

Jirrepeti li hemm, inkluz fejn ghandu d-dar u l-ghalqa Stellini, kien kollu ta' Dun Guzepp li kien jifthilhom xatba tal-injam sabiex jidhlu. Jghid li fil-fatt it-territorju hemm kien maghruf bhala "Ta' Dun Guzepp tal-Qasam". Izid li fil-fatt Stellini minghand il-werrieta ta' Dun Guzepp xtara fejn ghandu.

Jerga jixhed li l-entratur ghat-territorju ta' Stellini kienet minn Triq l-Orkestra tad-Dudi.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawza l-attur talab dikjarazzjoni li l-konvenuti kkommettew spoll a pregudizzju tieghu meta wahlu xatba f'tarf ghalqa taghhom fit-territorju maghruf bhala "Ta' Sajlua", f'Santa Lucija, limiti ta' Kercem, Ghawdex, u b'hekk imbarraw moghdija li minnha jghid li kien jghaddi sabiex jaccessa ghalqa tieghu fl-istess inhawi.

Jitlob ghalhekk ordni sabiex il-konvenuti jkunu kkundannati jisporgaw dan l-ispoll billi jnehhu l-istess xatba u jhallu l-mghodija libera kif kienet qabel u, fin-nuqqas, sabiex ikun hu awtorizzat jaghmel dan l-istess spurgar a spejjez tal-konvenuti.

Il-konvenuti jilqghu ghal dan billi jeccepixxu li ma' jinkorrux l-elementi kostituttivi rikjesti mill-ligi sabiex tirnexxi kawza ta' spoll filwaqt li jirrespingu bil-qawwa l-allegazzjonijiet kollha tal-attur bhala inveritjeri.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-*actio spolii,* bhal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-attur, hija regolata mill-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-artikolu jirrizultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oggett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse;*
ii. li huwa gie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawza ta' spoll fi zmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa pacifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluz dak civili *kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz.*[43]

[43] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

Inghad infatti:

> *"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[44]

Li huwa mehtieg, allura, huwa li attur f'kawza ta' spoll jipprova li ghandu l-pussess.

Jinghad ulterjorment li anke jekk il-pussess ikun wiehed qasir hafna u sahansitra momentarju, dan xorta wahda huwa sufficjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u mhux ibbazat fuq mera tolleranza.[45]

Fid-decizjoni moghtija nhar it-30 ta' April, 2004 fl-ismijiet ***Farrugia Carmelo et vs Farrugia Carmelo et***,[46] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rritenit li pussess kwalunkwe', anke purament materjali u di fatto, anke qasir hafna u sahansitra momentarju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx ibbazat fuq mera tolleranza. Dan ghaliex huwa ben risaput illi minn jiddetjeni haga b'semplici tolleranza ma' jistax jezercita l-*actio spolii*.

Fid-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet ***Marianna Dean vs Joseph Abela***,[47] gie ritenut li m'hemmx pussess tutelabbli fejn hemm semplici tolleranza.

B'dan li, fid-decizjoni moghtija nhar il-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet ***Michael Aquilina et vs Andrew Briffa et***,[48] il-Qorti tal-Appell sostniet li:

> *Huma meqjusin bhala atti ta' semplici tolleranza dawk imnissla "nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altrui faccia sulla cosa che gli appartiene cio` che non avrebbe diritto alcuno di farvi" - Ricci, "Corso Teoretico - Practico di Diritto Civile", Vol. V. pagna 73. Fi kliem iehor, jitqies li tkun zamma b'semplici tolleranza dik fejn il-haga tkun mizmuma b'semplici kortezija jew fejn haddiehor ikun*

---

[44] Iccitat fl-istess decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[45] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[46] Citazzjoni Numru. 564/1998/1.
[47] Appell Civili Numru. 930/2003/1.
[48] Appell Civili Numru. 2947/1996/1.

*jista' jirtiraha x'hin irid. B'zieda ma' dan kollu, jinghad ukoll li l-ghemejjel ta' semplici tolleranza ghandhom xejra ta' transitorjeta` u saltwarjeta`.*[49]

Il-Qorti hija wkoll konxja mill-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esigenzi ta' l-utilita' socjali, intiza sabiex taghti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt, jew turbat.[50] Huwa proprju ghalhekk li l-istess disposizzjoni tal-ligi taghmel referenza espressa ghall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawza ta' spoll ma jista' jaghti ebda eccezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun rega' qieghed il-haga fl-istat pristinu.

Huwa b'din il-mira li l-gurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

Fil-kawza *de quo*, l-attur jinsisti li huwa dejjem kellu access mil-mghodija li giet imbarrata mill-konvenuti meta ghalqu selha f'hajt b'*palette* tal-injam u dan, sabiex jasal ghal ghalqa li ghandu wara daru – dik immarkata bin-numru 3 fuq pjanta ezebita minnu.[51]

Din il-mghodija giet tratteggata fuq l-istess pjanta ezebita mill-attur bhala tibda minn Triq it-13 ta' Dicembru minn fejn wiehed jaqbad sqaq maghruf bhala "Dahlet il-Madonna tal-Warda" liema sqaq iwassal imbaghad ghal-mghodija in kwistjoni – immarkata bl-ahmar fuq l-istess pjanta ezebita mill-attur. Il-mghodija, imbaghad, tghaddi minn fuq art tal-konvenuti – immarkata bin-numru 1 fuq l-istess pjanta - ghal fuq art biswietha ta' neputija tal-konvenuta – certa Mariella Camilleri nee' Mercieca – immarkata bin-numru 2 - ghal fuq l-art tal-attur – immarkata bin-numru 3 - u tkompli fuq l-istess art tal-attur sabiex tispicca fuq art ulterjuri tal-imsemmija Mariella Camilleri – immarkata bin-numru 4.

Dwar il-proprjeta' ta' dawn il-porzjonijiet art immarkati bin-numri 1, 2, 3, u 4 mhemmx divergenza bejn il-partijiet kontendenti tant li l-istess

[49] Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar it-12 ta' Jannar, 2005 mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Cuschieri v. Cilia***.
[50] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.
[51] Pjanta a fol 37 tal-process.

artijiet bl-istess enumerazzjoni jirrizultaw kemm fuq il-pjanta ezebita mill-attur a fol 37 kif ukoll fuq dik identika ezebita mill-konvenuti a fol 81. Il-partijiet kontendenti lkoll jixhdu wkoll konsistentement dwar il-korrettezza ta' dawn dak muri fuq l-istess pjanti dwar dawn il-porzjonijiet ta' art.

Il-partijiet kontendenti jaqblu wkoll li l-fetha fil-hajt li l-attur jghid li giet mbarrata bi pregudizzju ghalih mill-konvenuti hija dik bejn l-art numru 1, tal-konvenuti, u dik numru 2, tax-xhud Mariella Camilleri, li z-zewg nahat jimmarkaw kjarament ukoll permezz ta' vlegga u l-kelma "xatba" fuq il-pjanti identici ezebiti minnhom kif fuq inghad.

Il-konvenuti, da parti taghhom, jinsistu izda li l-attur qatt ma' kellu ebda dritt ta' passagg minn fuq il-mghodija kif tratteggata fuq dawn iz-zewg pjanti bl-access tieghu dejjem u unikament kien minn Triq l-Orkestra tad-Dudi.

Dwar dan, il-konvenuti jzidu jghidu li dan l-access kien hekk sa minn qabel l-attur bena daru ukoll accessibbli, inkluz bi *drive in*, mill-istess Triq l-Orkestra tad-Dudi.

Il-konvenuti jinsistu dwar dan personalment izda wkoll billi jressqu lix-xhud Anthony Cauchi li jixhed konsistentement li l-art fejn issa ghandu daru l-attur kif ukoll l-ghalqa tal-attur li jghid li ghalija jaccedi biss kif fuq deskritt xi darba kienu lkoll parti minn territorju wiehed maghruf bhala "Ta' Dun Guzepp tal-Qasam".

Dan stante li l-istess Dun Guzepp, kunjomu Gatt, jidher li kien jghix f'dar fit-triq issa maghrufa bhala Triq it-13 ta' Dicembru izda dakinhar maghrufa bhala Triq Qasam San Gorg.

Ix-xhud Cauchi jkompli sabiex konsistentement u dettaljatament jirrepeti li meta huwa, ta' tfal, kien imur ghand dan Dun Guzepp Gatt sabiex jigbor bottijiet tal-halib ghal-fjakkoli tal-festa, dan Dun Guzepp kien idahhalhom f'kamra li kellu fl-ghalqa biswit fejn issa ghandu daru l-attur billi jghaddihom minn daru fi Triq it-13 ta' Dicembru mbaghad ghal gol-gnien tieghu min fejn kien jiftah xatba tal-injam sabiex finalment jaslu ghal-bottijiet tal-halib.

Ix-xhud Cauchi jzid jghid ukoll li minn Triq l-Orkestra tad-Dudi kien hemm access ulterjuri ghal din l-ghalqa f'forma ta' xatba ohra li kienet fejn bhalissa hemm id-*drive in* tal-attur li meta bena daru l-attur obliterah bil-bini tieghu. Dan sakemm l-attur stess akkwista l-ghalqa wara l-istess daru u reggha mbaghad fetah access ghalija bhal ma' kien hemm originarjament, ossia, minn Triq l-Orkestra tad-Dudi, billi f'bitha fuq wara ta' daru li tasal ghalija mid-*drive in* ta' fuq Triq l-Orkestra tad-Dudi l-attur bena tarag sabiex minnu jaccedi din l-ghalqa ghal-konvenjenza tieghu minn go daru stess.

Ix-xhud Cauchi jirreferi estensivament ghall-istess pjanta kif ezebita in atti kemm mill-attur[52] kif ukoll ghal darb'ohra mil-konvenuti bl'addizzjoni ta' xi notamenti bil-lapes fuqha.[53]

Hawnhekk, dan ix-xhud jispjega fejn kienet id-dar ta' Dun Guzepp Gatt, safejn kien iwassal il-gnien tieghu, fejn ghandhom l-artijiet taghhom il-partijiet kif ukoll ix-xhud Mariella Camilleri, fejn bena l-attur u x'ghamel sabiex, skond dan ix-xhud, irripristina dak li dejjem kien access minn Triq l-Orkestra tad-Dudi li kien hu stess li ghalaq meta bena daru.

Din l-istess spjagazzjoni dan ix-xhud jirrepetiha konsistentement f'diversi okkazzjonijiet, inkluz fl-access fuq is-sit mizmum mil-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-12 ta' Frar, 2019.[54]

Dan ix-xhud, bhal konvenuti, jkompli sabiex jinsisti li l-attur minn hemm biss kellu access u minn imkien aktar, partikolarment mhux mill-isqaq maghruf bhala "Dahlet il-Madonna tal-Warda" u anqas minn iehor maghruf bhala "tal-Fenek".

Dan ilkoll qed jinghad mhux ghax din il-Qorti hija mtaqla sabiex taghmel xi ezercizzju oltre milli tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll. Izda stante li l-verzjonijiet tal-partijiet kontendenti dwar minn fejn tassew kellu jew ghandu access l-attur huma tant konfliggenti li din il-Qorti trid ta' bilfors tara minn mil-partijiet huwa aktar kredibbli sabiex tikkunsidra u teddeciedi dwar il-veracita' tal-verzjonijiet moghtija minnhom li twassal imbaghad ghal decizjoni dwar

[52] A fol 37.
[53] Pjanta a fol 81.
[54] Ref. verbal tal-access a fol 138 *et seq.*

jekk l-attur ippruvax fil-fatt il-pussess necessarju sabiex ikun jista jirnexxi b'kawza ta' spoll.

Maghdud dan, din il-Qorti ma' tistax ma' tosservax li l-attur zvesta ruhu milli jressaq kwalunkwe' prova ndipendenti ghal-kelma tieghu biss dwar id-dritt ta' passagg allegat minnu mill-moghdija kif indikat minnu u allura, dwar il-pussess minnu ta' tali moghdija.

Infatti, il-Qorti tosserva li apparti l-kelma tieghu, l-attur ressaq biss lill certu Dun Frangisk Saliba sabiex dan l-istess xhud jixhed min fejn kien jghaddi hu sabiex jaccedi ghal ghalqa li kellu fl-inhawi qabel partat l-istess ma' missier ix-xhud Mariella Camilleri, ossia Mario Mercieca li jigi wkoll hu l-konvenuta.

Hawnhekk, din il-Qorti primarjament tosserva li jirrizulta car li waqt ix-xhieda tieghu dan ix-xhud – Dun Frangisk – gie riferut ghal-pjanta li ma' taqbilx ma' dik li fuqha l-attur u l-konvenuti jibnu r-rimanenti argomenti u sottomissjonijiet taghhom. Jew ahjar; ghalkemm il-pjanta li ghalija gie riferut dan ix-xhud turi l-istess inhawi, tiffoka fuq sezzjoni diversa taghhom minn fejn l-attur jghid li ghandu dritt ta' passagg.

Infatti, ix-xhud Dun Frangisk Saliba gie riferut ghal-pjanta a fol 28 li hija identika ghal dik annessa mar-rikors guramentat tal-attur a fol 5.

B'dan izda li semplici kumparazzjoni ta' dawn iz-zewg pjanti identici maz-zewg pjanti l-ohra wkoll identici – a fol 37 u 81 – li fuqhom jaqblu il-partijiet kontendenti, twassal ghal konkluzjoni li l-pjanta ghal liema gie riferut ix-xhud Dun Frangisk Saliba hija estratt ta' dik aktar dettaljata ezebita mill-attur kif ukoll mill-konvenuti li, kif inghad, turi arja tat-territorju in mertu lill'hemm minn fejn l-attur jghid li ghandu dritt ta' passagg.

Dan johrog car anke mix-xhieda ta' Dun Frangisk Saliba stess li deher imfixkel huwa u jixhed li safejn jaf hu, hu kien jaqsam minn fuq numru ta' ghelieqi sabiex jasal fejn kellu u partat ma' Mario Mercieca izda mil-pjanta murija lilu jidher mod iehor.

Oltre minn hekk, l-attur certament naqas milli jressaq xhud iehor li setgha facilment ressaq sabiex jipprova li ghalmenu setgha kellu pussess, imqar jekk temporanju, ta' dik li jghid li kienet mghodija tieghu.

Dan fil-persuna ta' sewwieq ta' gaffa li fl-affidavit tieghu a fol 34 *et seq*, l-attur jghid li kien mieghu fl-inhawi aktar kmieni dakinhar li sab ix-xatba mwahhla.

Dan ix-xhud ma' tressaqx jixhed quddiem il-Qorti.

Minn naha tal-konvenuti, imbaghad, apparti li dawn baqghu dejjem konsistenti dwar id-drittijiet ta' passagg koncernati, ressqu wkoll ix-xhieda tal-imsemmi Anthony Cauchi li mhux biss tikkorrabora dik taghhom izda tirrizulta wkoll korraborata minn dokumenti li jezebixxu kif ukoll minn xhieda ohrajn, inkluz l-imsemmi Dun Frangisk Saliba li tressaq jixhed mill-attur.

Il-konvenuti jispjegaw fil-fatt li huma dejjem kellhom access ghar-raba' taghhom mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" b'dan li aktar tard, bi qbiel ma' barrani – certu Delistone - li xtara proprjeta' fl-isqaq "Tal-Fenka" qablu li jitwessgha l-istess sqaq "Tal-Fenka" bis-sagrifikar ta' parti mill-art taghhom b'dan li l-istess Delistone, in kontrakambju, taghhom ukoll access bir-rigel mill-isqaq "Tal-Fenka".[55]

B'dan li jirrizulta a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li filwaqt li l-konvenuti kienu u ghadhom jistghu jaccedu l-art taghhom fl-inhawi *de quo* kemm mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" kif ukoll minn dak "Tal-Fenka", ma' jirrizultax li l-attur ghandu l-istess access.

Din l-istess kostatazzjoni hija sostnuta wkoll minn dak ritenut minn xhieda addizzjonali inkluz Dun Frangisk Saliba li jispjega li sabiex jasal fuq art li kellu hu fl-inhawi u li eventwalment kien partat ma missier ix-xhud Mariella Camilleri, huwa kien jaqsam minn fuq art ta' certi Nikola u Krispin.

L-istess Nikola jissemma diversi drabi mill-konvenuti u jirrizulta li huwa iz-ziju tal-konvenuta li minghandu, flimkien ma huh - u allura missier il-konvenuta Karlu Mercieca - wirtet kemm il-konvenuta kif ukoll huha Mario Mercieca, missier ix-xhud Mariella Camilleri.

[55] Ref kuntratt a fol 72 *et seq.*

Minn naha l-ohra, Krispin huwa l-individwu li skond il-konsistenza tax-xhieda migbura, kellu f'idu l-art li eventwalment waslet ghand l-attur.

B'dan allura li meta l-art li darba kienet ta' dan ix-xhud Dun Frangisk Saliba – dik immarkata numru 4 fuq il-pjanti a fol 37 u 81 – giet ukoll ghand il-familjari tal-konvenuti – ghand missier ix-xhud Mariella Camilleri, Mario Mercieca, li kif inghad huwa hu l-konvenuta; id-dritt ta' passagg li kien baqa' kien favur Mario Mercieca u huwa issa favur l-eredi tieghu, allura Mariella Camillleri, ommha, u ohta, u dan; fuq l-art li kienet f'idejn Krispin u eventwalment ghaddiet ghand l-attur.[56]

F'dan id-dawl, l-attur rid, semmai, iressaq prova dwar minn fejn kien jaccedi l-awtur tieghu fit-titolu ghal dik li hija issa l-ghalqa tieghu – immarkata bin-numru 3 fuq il-pjanti msemmija – sabiex tassew ikun ressaq prova li l-art tieghu, bhal dik li darba kienet ta' Dun Frangisk Saliba, wkoll kellha dritt ta' access bhal ma' kellu Dun Frangisk Saliba.

Il-Qorti, fil-fatt, fliet ukoll il-kuntratt ta' akkwist tal-ghalqa in mertu, li l-attur jghid li ghandu access ghalija kif fuq deskritt, allura mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda". Dan gie wkoll ezebit mill-konvenuti u mhux mill-attur u jinsab a fol 162 *et seq* tal-process.

Huwa car li dan l-att, redatt nhar il-25 ta' Jannar, 1993 in atti Nutar Enzo Dimech, jirreferi ghall-istess ghalqa kif jirrizulta kemm mil-kejl superficjali taghha dikjarat fuqu - li huwa l-istess ghal dak dikjarat fl-ewwel premessa tar-rikors guramentat tal-attur - kif ukoll mix-xhieda permezz ta' affidavit tal-attur.[57]

Dan il-kuntratt imkien ma' jsemmi dritt ta' passagg favur din l-art u allura l-attur kif jghid li ghandu l-attur. Li jirrizulta izda minn dan il-kuntratt huwa dak li jinsistu fuqu l-konvenuti ossia li l-attur akkwista din l-art mil-poter ta' certu Saviour Grech, iben Catherine nee' Gatt, kif rapprezentat minn Krispin Gatt, kjarament l-istess Krispin imsemmi mix-xhud Dun Frangisk Saliba u mill-konvenuti.

Mill-assjem ta dan kollu, ghal din il-Qorti tirrizulta fermament aktar probabbli u veritjera l-verzjoni konsistentement moghtija mill-konvenuti

[56] Ref. kuntratt ta' akkwsit tala-rt in mertu mill-attur mill-poter ta' Krispin Gatt in rapprezentanza ta' Saviour Grech tal-25 ta' jananr, 1993 ina tti Nutar Enzo Dimech.
[57] L-ewwel paragrafu tal-affidavit tal-attur a fol 34 *et seq*.

u korroborata minn xhieda u dokumenti addizzjonali, u cioe: li l-access tal-attur kien u kellu jibqa kif kien qabel bena daru u ghalaq l-istess l-attur stess sakemm imbaghad akkwista l-art wara daru u reggha irripristinah permezz ta' tarag konness ma' bitha fuq wara ta' daru, ossia; minn Triq l-Orkestra tad-Dudi. B'dan izda li ghal xi raguni l-attur iddecieda li jallega access ulterjuri mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda".

Dan jirrizulta aktar car ghal din il-Qorti meta tikkunsidra wkoll il-pjanti annessi mal-permess ottjenut mill-attur stess nhar il-31 ta' Mejju, 2013 bin-numru PA/00413/13[58] minn fejn jidher dan it-tarag fuq wara, kif ukoll mir-ritratti mehuda mill-ajru[59] u miz-zewg pjanti identici diga msemmija, il-wahda ezebita mill-attur[60] u l-ohra mill-konvenuti[61] fejn il-konvenuta anke mmarkata l-istess tarag bl-ittra 'X'.[62]

Il-fatt li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-attur ghalaq dan l-istess tarag kif ammetta huwa stess waqt l-access mizmum mill-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-12 ta' Frar, 2019[63] ma' jaghmel xejn ghajr li jsahhah dan it-twemmin ta' din il-Qorti.

Dan oltre l-fatt li kemm il-konvenuti kif ukoll ix-xhud Mariella Camilleri konsistentement jghidu li ghalkemm lill-attur gieli rawh fl-ghalqa tieghu qatt ma' rawh diehel fl-istess kif jghid li ghandu dritt jidhol izda, jekk hekk rawh jaccedi l-istess ghalqa tieghu, rawh biss jaghmel hekk mit-tarag fuq wara ta' daru – ref. xhieda ta' iben il-konvenuti, Joseph Borg.

Intqal ukoll hafna dwar ghalfejn jezistu z-zewg fethiet faccata ta' xulxin fil-hitan perimetrali tal-ghalqa tal-attur kieku mhux minnu li l-attur ghandu access kif jghid li ghandu.

Rigward dan, din il-Qorti tossera li semmai, tali fethiet iservu biss lix-xhud Mariella Camilleri sabiex din taqsam minn fuq l-art tal-attur minn art wahda taghha fuq naha tal-istess art tal-attur ghal dik ohra taghha fuq in-naha l-ohra tal-art tieghu.

---

58 A fol 153 *et seq.*
59 A fol 128 sa 130.
60 A fol 37.
61 A fol 81.
62 Fuq il-pjanta a fol 37.
63 Verbal tal-access a fol 138 *et seq.*

Jekk imbghad hemm fetha ulterjuri ghal dawn it-tnejn bejn l-art tax-xhud Mariella Camilleri u dik tal-konvenuti Borg – il-fetha li fil-fatt l-attur jilmenta li nghalqet a pregudizzju tieghu – din tidher car li hija ntiza ghall-istess Mariella Camilleri li, kif intqal, hija n-neputija tal-konvenuta bl-art taghha giet ghandha minghand missierha Mario Mercieca li kien hu l-konvenuta u qabel dan kienet in parte ghand il-konvenuta li ovvjament kellha kull interess taqsam bejn zewg porzjonijiet art taghha, kif issa ghandha nteress ix-xhud Mariella Camilleri li taqsam min go taghha ghal fuq ta' zita l-konvenuta sabiex taccedi ghall-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" - kif jirrizulta li dejjem ghamlu l-antenati taghha u kif hi stess tghid li ghandha dritt taghmel.

Kif inghad, l-attur ma' ressaqx prova la li Dun Frangisk Saliba kien jaccedi mil-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda" u wisq anqas li l-awturi fit-titolu tieghu – tal-attur – kienu hekk jaccedu. Li xhed biss Dun Frangisk kien li hu kien jghaddi minn fuq Nicola u Krispin, kif fuq spjegat, mhux minn fejn kien jibda t-tragit tieghu.

Il-fatt li Dun Frangisk ma' setghax kien "jaqa' mis-sema" sabiex jibda t-tragitt tieghu ma' jwassalx anqas sabiex tista issir xi inferenza favur it-tezi tal-attur.

Dan ghaliex, anke jekk inhu l-kaz li Dun Frangisk kien tassew jibda t-tragitt tieghu mill-isqaq "Dahlet il-Madonna tal-Warda", dak il-mument li l-istess Dun Frangisk partat l-art li kienet tieghu ma' Mario Mercieca, missier ix-xhud Mariella Camilleri, id-drittijiet tieghu gew rizolti fil-persuna ta' l-istess Mario Mercieca, li f'dak l-istadju, kompla bid-drittijiet tieghu fuq l-art servjenti tal-attur sabiex jasal minn art tieghu – dik numru 2 fil-pjanti msemmijja – ghal fuq art ohra tieghu – dik bin-numru 4 fuq il-pjanti msemmijja; realta' li ma' taghtix dritt lill-attur, *qua* sid allura tal-art servjenti mmarkata numru 3 fuq il-pjanti msemmijja, li jdawwar tali dritt ta' Mario Mercieca li issa ntiret minn bintu Mariella Camilleri, ommha u ohta, favur tieghu.

Il-Qorti anqas tinsa li l-konvenuti jinsistu wkoll li dakinhar tal-1 ta' Lulju, 2014, meta jidher li nqala dizgwid li wassal ghal dawn il-proceduri, jista jaghti l-kaz li l-*palette* li jidher fir-ritratti a fol 4 u 38 u li huma jammettu li poggew fil-fetha fejn immarkaw fuq il-pjanti a fol 81 kien diga hemm.

Dan ma′ giex kontradett mill-attur li, anzi, anke mil-linja ta′ domandi maghmula lill-konvenuti in kontro-ezami jidher jinsisti li l-kwistjoni qamet ghax sar dan il-*palette*.

B′dan li allura, f′dak l-istadju meta sar il-*palette* li suppost spolja lill-attur minn xi pussess tieghu u nqalet il-kwistjoni li wasslet il-proceduri certament li l-attur pussess ma′ kellux. Dan stante li l-attur jallega li kien il-*palette* li spoljah izda l-*palette* jirrizulta li kien hemm minn qabel hassu spoljat.

Ta′ minn josserva wkoll li anke mir-ritratti mehudha mill-ajru ezebiti a fol 82 u 83 tal-process kif ukoll dak ezebit a fol 130 ma′ tirrizultax l-ezistenza tal-mghodija li jghid li ghandu dritt fuqha l-attur kif tratteggata bl-ahmar fuq il-pjanti a fol 37 u 81. Fejn hekk giet tratteggata l-istess mghodija jidhru, fil-fatt, ghelieqi mahdumin minn tarf sa tarf.

Mill-assjem ta′ dan kollu, din il-Qorti tikkonkludi li l-element kostituttiv ta′ pussess tal-mghodija mmarkata bl-ahmar fuq il-pjanti a fol 37 u 81 ma′ giex ippruvat mill-attur, anqas minimament – inkluz b′xi mod temporanju – ahseb u ara sodisfacjentement, u ghalhekk, l-attur ifalli milli jipprova l-pussess mehtieg u, konsegwentement; ifalli l-ewwel element kostituttiv sabiex tirnexxi kawza ta′ spoll.

Tenut kont li kif inhu risaput, huwa necessarju li sabiex tirnexxi kawza ta′ spoll, l-elementi kostituttivi tal-istess iridu jissussistu b′mod kumulattivi,[64] m′huwiex necessarju ghal din il-Qorti li tikkunsidra z-zewg elementi rimanenti gjaladarba diga falla dak tal-pussess.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta′ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet ta′ l-attur u tilqa′ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Spejjez a karigu tal-attur.

---

[64] Ref. *inter alia*, id-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar is26 ta′ Jannar, 2022 fl-ismijiet ***Charlayne Josephine Mintoff v. Jason George Mintoff u Louis Mintoff***.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur